MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 659/2002/1

**Citaz Nru: 659/02 JA**

**Dr. Luigi A. Sansone LL.B., LL.D., bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Novartis AG, ta' 4002 Basel, l-Isvizzera.**

**-vs-**

**Viva Pharmaceutica Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-10 ta' Gunju, 2002, li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta;

Illi l-attur nominee, detentur ta' prokura *ad litem* mahruga mis-socjeta' attrici, jirrapresenta s-socjeta' estea "Novartis AG", li timmanifattura prodotti konistenti f' preparazzjonijiet famacewtici (Aktar precizament prodotti kontra l-*fungus*) bl-isem ta' "LAMISIL", egolarment distribwiti ghal bejgh f' Malta ghal diversi snin;

Illi noltre s-socjeta' attrici ghandha registrati f' diversi pajjizi madwar id-dinja inkluz f' Malta t-*trademark* "LAMISIL", u dan in konnessjoni ma' prodotti farmacewtici;

Illi ghaldaqstant bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b' hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif wkoll fuq dak lokali, in konnessjoni ma' l-prodott "LAMISIL";

Illi s-socjeta' konvenuta bdiet timporta f' Malta u/jew tiddistribwixxi ghall-bejgh fuq is-suq lokali prodotti konsistenti f' preparazzjonijiet farmacewtici (aktar percisament prodotti kontra l-*fungus*) bl-isem ta' "LAMIFIN", allegatament manufatturati minn entita' maghrufa bl-isem ta' "ALFARES Pharmaceuticals", li tinsab f' Damasku, is-Sirja, u li taghha s-socjeta' konvenuta hija ndikata bhala *sole agent*;

Illi l-kelma "LAMIFIN" hija vizwalment u fonetikament wisq simili ma' t-*trademark* "LAMISIL" ta' s-socjeta' attrici, biex b' hekk hemm probabbilita' ta' konfuzzjoni minn naha ta' l-pubbliku, inkluza l-probabbilita' ta' assocazzjoni ma' t-*trademark* "LAMISIL" poprjeta' taghha;

Illi l-uzu llecitu ta' sinjal "LAMIFIN" da parti ta' s-socjeta' konvenuta ikollu l-effett li qed jittiehdu vantagg illecitu fuq – u qed ikun detrimentali ghax-xorta distintiva u ghar-reputazzjoni ta' – t-*trademark* ta' s-socjeta' attrici;

Illi s-sinjal "LAMIFIN" li jidher fuq il-prodotti distribwiti ghall-bejgh mis-socjeta' konvenuta, jikkontravvjeni d-drittijiet ta' s-socjeta' attrici ghar-rigward ta' t-*trademark* registrat "LAMISIL" proprjeta' taghha;

Illi ghaldaqstant l-agir ta' s-socjeta' konvenuta jikser id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikolu 10 subartikolu (2) para. (b) ta' l-Att ta' l-2000 dwar it-*Trademarks* (Numu XVI ta' l-2000, Kap. 416 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta);

Illi s-socjeta' konvenuta, ghalkemm debitament interpellata permezz ta' ittra nterpellatorja bid-data ta' l-11 ta' Ottubru, 2001 kif wkoll protest gudizzjarju datat 31 ta' Ottubru 2001, sabiex *inter alia* tieqaf u tiddezisti minnufih mill-agir abusive u llegali taghha, xorta wahda baqghet inadempjenti;

Illi permezz ta' digriet ta' t-30 ta' Mejju 2002 is-socjeta' attrici ottenjiet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru ta' referenza 93/02) kontra s-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' din il-vertenza;

Ghalhekk is-socjeta' attrici lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. tiddikkjara li l-prodotti farmacewtici li fihom is-sinjal "LAMIFIN" jikkontravvjenu d-drittijiet ta' s-socjeta' attrici rappresentata mill-attur nominee fir-rigward ta' t-*trademark* ta' l-istess socjeta' attrici "LAMISIL", debitament registrat f' Malta;

2. tikkonferma permanentement il-provvedimenti moghtija fil-mandat ta’ inibizzjoni numru ta’ referenza 593/02 mahrug fit-30 ta’ Mejju, 2002 fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta, sabiex b’ hekk is-socjeta’ konvenuta tigi prekluza milli timporta f’ Malta u/jew tiddistribwixxi ghall-bejgh fuq is-suq lokali prodotti farmacewtici li fihom is-sinjal “LAMIFIN”;

3. tordna li s-sinjal kontravvenjenti jithassar, jitnehha jew jigi ngassat minn fuq oggetti, materjal jew hwejjeg fil-pussess, kustodja jew kontroll ta’ s-socjeta’ konvenuta, jew alternattivament (jekk dan ma jkunx ragjonevolment prattikabbli), tordna li jigi zgurati li jsehh il-qera ta’ tali oggett, materjal jew hwejjeg involuti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja ta’ l-11 ta’ Ottubru, 2001, ta’ l-protest gudizzjarju ta’ l-31 t’ Ottubru, 2001 u ta’ l-Mandat ta’ Inibizzjoni numru ta’ referenza 593/02, kontra s-socjeta’ konvenuta, li tibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa mill-attur nominee fl-10 ta’ Gunju, 2002 w l-lista tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semhet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

**Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-11 t' Ottubru, 2001, tal-protest gudizzjarju tal-31 t' Ottubru, 2001 kif wkoll dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 593/02 u ghall-fini tat-tielet talba tordna d-distruzzjoni tas-sinjali u tipprefiggi terminu ta' hmistax il-gurnata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------